MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Numru. 699/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Simon Victor Dimech**

## Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra Simon Victor Dimech, ta’ 38 sena, bin Mario k/a Maurice u Victoria nee’ Chircop, imwieled Pieta, fid-9 ta’ Settembru, 1969 u residenti fil-fond numru 24, Triq il-Kanada, Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 454969M;

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fix-xahar ta’ Mejju, 2006 jew f’xi perjodu qabel, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew

helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fiohom jew kellhom jippruvaw.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat l-artikoli 18, 183 u 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien impjegat bhala technical manager mas-socjeta Cassar Ship Repair Limited li taghha Anthony Cassar kien direttur. Cassar Ship Repair Limited kienet tigi inkarigata fuq bazi regolari hafna minn CMA CGM Malta biex taghmel tiswijiet fuq vapuri li jidhlu il-Freeport kif ukoll tiswijiet f'makkinarju adoperat fil-Freeport. Il-persuna li ghan-nom ta' CMA CGM kien inkarigat illi jikkontratta terzi biex jaghmlu it-tiswijiet u/jew manutensjoni li kien ikun hemm bzonn kien certu Ronald Galea; kien dan Galea li ghan-nom ta' CMA CGM kien jaghmel kuntatt ma' Cassar Ship Repair.

Illi gara li f'xi zmien d-dirigenti ta' CMA CGM indunaw li kien hemm xi haga hazina f'l-operat taghhom, ghalhekkk

bdew jindagaw. Saru jafu li kien hemm ftehiem bejn l-impjegat taghhom Ronald Galea u Anthony Cassar, direttur ta' Cassar Ship Repair, permezz ta' liema ftehiem Galea kien qed jircievi hlas ghal kull kuntratt li jghaddi lil Cassar Ship Repair. Fil-kors ta' l-investigazzjoni dwar dan il-ftehiem bejn Galea u Cassar hareg ukoll li l-imputat odjern, Simon Victor Dimech, f'isem Cassar Ship Repair, hareg tlett invoices ghal xoghol suppost maghmul minn Cassar Ship Repair fuq inkarigu ta' CMA CGM meta fil-fatt dan ix-xoghol qatt ma sar. Dawn l-invoices hargu mill-imputat fuq talba ta' Ronald Galea; CMA CGM hallset tnejn minn dawn l-invoices; ic-cekkijiet relattivi ntuzaw minn Galea bhala hlas akkont ta' yacht li kien xtara. Minn dawn it-transazzjonijiet (cioe il-hlass li sar minn CMA CGM ghall-invoices mahruga mill-imputat) kien biss Ronald Galea li ghamel gwadan. Fil-kors ta' l-investigazzjoni imexxija mill-pulizija l-imputat irrilaxxja stqarrija; l-ghada li rrilaxxja l-istqarrija l-imputat irrizenja minn jeddu mill-impjieg tieghu ma' Cassar Ship Repair.

Illi ittiehdu proceduri penali kontra Ronald Galea dwar l-invoices mertu ta' dawn il-proceduri u dwar kull attivita illecita fil-kors ta'l-impjieg tieghu ma' CMA CGM; ittiehdu ukoll kontra Anthony Cassar dwar il-hlas li kien jaghmel lil Galea biex dan jghaddielu kuntratti ta' CMA CGM. Permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b' reati ta' falsifikazzjoni b'referenza ghall-invoices fuq imsemmija.

Illi ghandu jinghad li l-fatti fuq sintetizzati mhumiex kontestati, anzi l-imputat jammetti mhux biss f'l-istqarrija imma anke waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti li huwa hareg dawk l-invoices; jammetti li kien jaf li x-xoghol deskritt f'dawk l-invoices ma kienx sar; u jammetti li konsegwentement, u kontrarjament ghal dak li kienu juri l-invoices, ma kien hemm l-ebda ammont dovut minn CMA CGM.

Illi l-imputat pero qed jallega li hu m'ghamel xejn minn jeddu, li dawk l-invoices hargu a bazi ta' ftehiem bejn Ronald Galea u Anthony Cassar, u li kull m'ghamel hu kien li segwa struzzjonijiet ta' Anthony Cassar.

Illi ghandu jigi rilevat li dan huwa l-uniku punt li dwaru hemm xhieda kunfliggenti. L-imputat sa' mill-ewwel stadju ta' l-investigazzjoni insista li huwa kien qieghed semplicikment isegwi ordnijiet mghotija lilu minn Cassar, ghalkemm ma jiftakarx ezattament x'forma kienu hadu dawn l-ordnijiet u kif inghatawlu. Min-naha l-ohra Anthony Cassar jghid li hu ma kien jaf xejn dwar dawk l-invoices fil-waqt li Ronald Galea jghid li dwar dawk l-invoices kien ikkomunika biss ma'l-imputat. Cassar sostna hekk, u cioe li ma kien jaf xejn dwar dawn l-invoices, mill-ewwel stadju ta' din l-investigazzjoni. Ghandu jinghad li sar konfront bejn l-imputat u Cassar (meta kienu qed jigi rilaxxjati l-istqarrijiet) pero dan il-konfront ma rrisolviex il-kunflitt ghaliex kull wiehed mill-partijiet (l-imputat u Cassar) baqa jzomm ferm fil-pozizzjoni tieghu.

Illi f'dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghal dak li qal certu Kevin Spiteri, persuna inkarigata mill-accountants section ta' Cassar Ship Repair, meta tressaq bhala xhud quddiem din il-Qorti. Huwa qal li meta gie ikkuntattjat mid-dirigenti ta' CMA CGM li kienu qed jindagwa fuq l-invoices in ezami, huwa kellem lill-imputat biex jiehu xi informazzjoni dwar ix-xoghol li kien jidher fuq l-invoices. Skond Spiteri l-imputat mill-ewwel qallu biex ikellem lil Cassar fuq dawk l-invoices; Spiteri fil-fatt hekk ghamel pero Cassar, lil Spiteri, qallu li ma kienx jaf xejn dwar dawk l-invoices.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ravvizati f'l-artikoli 183 u 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontemplaw forom diversi ta' falsifikazzjoni.

Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm ghall-hekk imsejjah *falz materjali* kif ukoll 'l hekk imsejjah *falz ideologiku*. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara

minn dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Galea[1], u cioe:

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*

Illi mill-provi akwizieti f'dan il-process huwa car li kull wahda mill-invoices in ezami ma ssubietx alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva taghha u ghalhekk ma jirrizultax il-falz materjali. Pero kull wahda mill-invoices in ezami hija falsifikata fis-sustanza taghha ghaliex minn irrediegihom *gli fa dire cose contrario al vero.* L-imputat ikkrea invoivces li juru bilanc dovut mis-socjeta CMA CGM rapprezentanti prezz ta' xoghol li fil-fatt qatt ma gie esegwiet; ghalhekk dak li ghamel l-imputat jaqa taht definizzjoni ta' falz ideologiku.

Ikkunisdrat

Illi l-artikolu 183 jipprovdi hekk:

*Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja ……*

[1] Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

Illi qari ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi huwa sufficjenti biex iwassal ghall-konkluzzjoni li dak li jikkontempla dan il-provvediment huwa il-falz materjali li fi kliem l-Antolisei jista' jissusississti f'zewg forom:

*nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[2]

Illi kif diga ntqal mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi haga li tista taqa taht definizzjoni ta' falz materjali projbit permezz ta'l-artikolu 183 fuq kwotat ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 185 jipprovdi hekk:

*(1) … … jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati … …*
*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun … …*

Illi dak li huwa propjbit permezz ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi huwa l-falz ideologiku, u biex jissussisti r-reat hemm kontemplat irid jigi pruvat huwa li persuna li ghandha d-dmir, fil-kors ta'l-impjieg taghha, li taghmel dikjarazzjoni, taghmel dikjarazzjoni falza.

Illi mill-provi akkwiezieti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat kien impjegat ma' Cassar Ship Repair bhala technical manager, u li fil-kors ta' dan l-impieg kellu d-dover li johrog invoices b'deskrizzjoni ta' xoghol maghmul

---

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.

minn Cassar Ship Repair u l-prezz relattiv. L-imputat jammetti li l-invoices esebieti in atti harighom hu fil-kors ta'l-impjieg tieghu ma' Cassar Ship Repair u li dawn l-invoices kienu jikkontjenu dikjarazzjoni (deskrizzjoni ta' xoghol) li kienet inveritjiera ghaliex ix-xoghol qatt ma kien sar.

Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li jezisti l-elementi materjali rikjesti biex jissussisti r-reat issa in ezami.

Illi kif diga ntqal l-imputat jallega li hu kien qieghed biss isegwi l-ordnijiet lilu mghotija u jipretendi li dan il-fatt ghandu jezonerah minn kull responsabbilta ghall-agir tieghu. Il-Qorti ma tikkondividiex din it-tezi. Anke kieku l-Qorti kellha temmen lill-imputat meta jghid li hu kien qieghed biss isegwi ordnijiet, dan il-fatt ma jiskuzahx u ma jibdel xejn mir-reita tieghu partikolarment meta wiehed iqis li bid-dikjarazzjoni falza li ghamel l-imputat wassal biex terz, il-parte leza f'dan il-kaz (is-socjeta CMA CGM), soffra danni billi hallas flus li ma kienux dovuta minnu.

Illi ghalhekk t-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu li hija netta kif ukoll il-fatt li id-dikjarazzjoni falza maghmula ma kenitx intiza biex jigwadanja xi haga hu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat minn jeddu telaq l-impjieg li kellu ma' Cassar Ship Repair.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------